REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2123

tal-10 ta' Ottubru 2019

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-każijiet meta l-verifiki identitarji u l-verifiki fiżiċi fuq ċerti oġġetti jistgħu jitwettqu f'punti ta' kontroll u l-verifiki dokumentarji jistgħu jitwettqu 'l bogħod mill-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri u l-kundizzjonijiet li bihom isiru dawn il-verifiki

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(a) u (e) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi l-qafas għall-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra biex tiġi vverifikata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-katina agroalimentari. Dak il-qafas jinkludi l-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-annimali u l-oġġetti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi.

(2) F'dan ir-rigward, bl-għan li jiġi żgurat twettiq effiċjenti tal-kontrolli uffiċjali u kontroll xieraq tar-riskji, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri jkunu jistgħu jippermettu t-twettiq tal-verifiki identitarji u fiżiċi fuq il-kunsinni ta' pjanti, prodotti tal-pjanti, u oġġetti oħra msemmija fil-punti (c) u (e) tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 f'punt ta' kontroll li ma jkunux il-post tal-kontroll fuq il-fruntiera, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.

(3) Għall-istess raġunijiet, jenħtieġ li dan ikun il-każ ukoll għall-kunsinni ta' ikel u għalf li ma joriġinawx mill-annimali soġġetti għall-miżuri previsti mill-atti msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 47(1) ta' dak ir-Regolament.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 ([2]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 884/2014 ([3]) jistabbilixxu, fost l-oħrajn, ir-regoli dwar it-twettiq tal-verifiki identitarji u fiżiċi fuq il-kunsinni ta' ikel u għalf li ma joriġinawx mill-annimali koperti minnhom, f'punt ta' kontroll li ma jkunux il-punt tad-dħul dežinjat. B'mod partikolari, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 884/2014 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tat-trasferiment tal-kunsinna lejn punt ta' importazzjoni dežinjat għat-twettiq tal-verifiki identitarji u fiżiċi, ir-regoli dwar id-dokumenti meħtieġa biex jakkumpanjaw il-kunsinna sal-punt ta' importazzjoni dežinjat, l-obbligi ta' informazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fil-punti tad-dħul dežinjati u tal-operaturi responsabbli mill-kunsinna, u r-regoli applikabbli fil-każ li l-operatur jiddeċiedi li jibdel il-post ta' importazzjoni dežinjat wara li l-kunsinna tkun telqet mill-punt tad-dħul dežinjat. Dawk ir-Regolamenti huma mħassra b'effett mill-

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE (ĠU L 194, 25.7.2009, p. 11).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 884/2014 tat-13 ta' Awwissu 2014 li jimponi kundizzjonijiet speċjali għar-regolamentazzjoni tal-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel minn ċertu pajjiżi terzi minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bl-aflatossini u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1152/2009 (ĠU L 242, 14.8.2014, p. 4).

14 ta' Diċembru 2019 u d-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq jenħtieġ li jiġu sostitwiti b'dan ir-Regolament. Sabiex jiġu żgurati twettiq effettiv tal-kontrolli uffiċjali u traċċabbiltà adegwata tal-kunsinni, jenħtieġ li r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jagħmlu użu sħiħ ukoll mill-possibbiltajiet ta' skambju tal-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali u t-traċċabbiltà tal-kunsinni offruti mis-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali ("IMSOC") jew mis-sistemi nazzjonali eżistenti.

(5) L-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jenħtieġ li jawtorizzaw b'ċertu kundizzjonijiet it-trasferiment ta' kunsinna ta' oġġetti lejn punt ta' kontroll li ma jkunx il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera dežinjat għal dik il-kategorija ta' oġġetti fuq talba tal-operatur. F'dan il-każ, jenħtieġ li l-operatur jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti l-isem u l-kodiċi tas-Sistema Esperta u tal-Kontroll tal-Kummerċ (Traces) tal-punt ta' kontroll fejn il-kunsinna jenħtieġ li tiġi trasferita.

(6) Sa fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-verifiki identitarji u fiżiċi effettivi, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera ikunu jistgħu jitolbu lill-operatur jittrasferixxi l-oġġetti f'punt ta' kontroll li ma jkunx il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jiksbu l-qbil tal-operatur qabel ma jawtorizzaw it-trasferiment lejn il-punt ta' kontroll. Jenħtieġ li l-qbil tal-operatur ikun neċessarju fid-dawl tal-kostijiet ta' trasport imġarrba mill-operatur sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn il-kunsinni li jkun fihom oġġetti li jitħassru jiġu trasferiti fil-punt ta' kontroll li ma jkunx jinsab f'distanza xierqa mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera.

(7) Sabiex jiġu limitati r-riskji għas-saħħa tal-pjanti jew għas-saħħa pubblika, jenħtieġ li t-trasferiment tal-kunsinni ta' pjanti, ta' prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra u ta' ikel u għalf li ma joriġinawx mill-annimali għall-punt ta' kontroll jiġi awtorizzat abbażi tal-eżitu sodisfaċenti tal-verifiki dokumentarji fil-post ta' kontroll fuq il-fruntiera.

(8) Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-kunsinni, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-punt ta' kontroll jonformaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera bil-wasla tal-kunsinna. Fin-nuqqas ta' tali informazzjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jivverifikaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-punt ta' kontroll jekk il-kunsinna tkunx waslet fil-punt ta' kontroll u meta dik il-verifika turi li l-kunsinna ma tkunx waslet, jenħtieġ li jinfurmaw lill-awtoritajiet doganali u lill-awtoritajiet l-oħra msemmija fl-Artikolu 75(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 u jwettqu investigazzjoni ulterjuri biex jiddeterminaw fejn tinsab eżattament il-kunsinna.

(9) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu verifiki identitarji u fiżiċi effiċjenti fuq il-kunsinni ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħrajn, jenħtieġ li dawn jiġu trasferiti mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera għall-punt ta' kontroll. Jenħtieġ li t-trasferiment isir b'tali mod li ma jikkawżax infestazzjoni jew infezzjoni lil pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħrajn. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-operaturi jiżguraw li l-imballaġġ jew il-mezzi tat-trasport ikunu magħluqa jew issiġillati waqt it-trasferiment għall-punt ta' kontroll. F'każijiet speċifiċi, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jippermettu li l-imballaġġ jew il-mezz tat-trasport tal-kunsinni tal-injam tal-koniferi ma jkunux magħluqin jew issiġillati matul it-trasport tagħhom mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera sal-punt tal-kontroll jekk jiġu ssodisfati kundizzjonijiet speċifiċi. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-injam tal-koniferi f'dawn il-kunsinni jkun tkabbar jew prodott f'żona ġeografika ta' pajjiż terz li jaqsam fruntiera tal-art mal-Istat Membru li għalih hija responsabbli l-awtorità kompetenti u fejn ikun hemm informazzjoni li l-injam ikollu l-istess status fitosanitarju f'dak il-pajjiż terz u f'dak l-Istat Membru.

(10) Sabiex jiġu organizzati kontrolli uffiċjali effiċjenti, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-awtoritajiet doganali li lilhom l-Istat Membru jkun ikkonferixxa r-responsabbiltà biex iwettqu l-kontrolli uffiċjali, jew l-awtoritajiet kompetenti f'punt ta' kontroll li ma jkunx il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera, ikunu jistgħu jwettqu l-verifiki dokumentarji 'l bogħod mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera.

(11) Bl-għan li jiġi żgurat twettiq effiċjenti tal-kontrolli uffiċjali fil-punti tad-dħul fl-Unjoni li ma jkunux il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-awtoritajiet doganali li lilhom l-Istat Membru jkun ikkonferixxa r-responsabbiltà biex iwettqu l-kontrolli uffiċjali, ikunu jistgħu jwettqu verifiki dokumentarji fuq il-kunsinni ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra li huma soġġetti għal kontroll b'inqas frekwenza kif stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1756/2004 ([4]).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1756/2004 tal-11 ta' Ottubru 2004 li jispeċifika l-kondizzjonijiet dettaljati għall-evidenza meħtieġa u l-kriterji għat-tip u l-livell ta' riduzzjoni tal-kontrolli tas-saħħa tal-pjanti ta' ċertu pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra elenkati fil-Parti B tal-Anness V għad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE (ĠU L 313, 12.10.2004, p. 6).

(12) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/313/UE ([5]) tawtorizza verifiki fiżiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 669/2009 li jridu jitwettqu fi stabbilimenti approvati tal-operaturi tan-negozju tal-ikel u tal-għalf f'Ċipru. Bl-istess mod, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/458/UE ([6]) tawtorizza verifiki fiżiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 669/2009 li jridu jitwettqu fi stabbilimenti approvati tal-operaturi tan-negozju tal-ikel u tal-għalf f'Malta. Billi dan ir-Regolament japplika għall-oqsma koperti minn dawk id-Deċiżjonijiet, huwa xieraq li d-Deċiżjonijiet 2010/313/UE u 2010/458/UE jitħassru b'effett mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(13) Billi r-Regolament (UE) 2017/625 japplika mill-14 ta' Diċembru 2019, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika wkoll minn dik id-data għal raġunijiet ta' konsistenza u ċertezza tad-dritt. Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 165(4) tar-Regolament (UE) 2017/625, ir-regoli stabbiliti fil-punt (e) tal-Artikolu 53(1) jistgħu jsiru applikabbli biss mill-inqas 12-il xahar wara l-adozzjoni tagħhom fir-rigward tal-kunsinni ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra msemmijin fil-punt (c) tal-Artikolu 47(1) tal-istess Regolament. Għal din ir-raġuni, il-miżuri tranżitorji rigward id-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-Direttiva 2000/29/KE ([7]) se jkunu meħtieġa sat-13 ta' Diċembru 2020. Dan il-perjodu ta' sena huwa meħtieġ sabiex l-operaturi u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aktar żmien biex jimplimentaw ir-rekwiżiti speċifiċi.

(14) Billi dan ir-Regolament japplika għall-oqsma koperti mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/103/KE ([8]) fir-rigward tal-pjanti, il-prodotti tal-pjanti u l-oġġetti l-oħra msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625, huwa xieraq li dik id-Direttiva titħassar mill-14 ta' Diċembru 2020,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-każijiet u l-kundizzjonijiet li bihom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwettqu:

(a) verifiki identitarji u verifiki fiżiċi f'punt ta' kontroll li ma jkunx il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera fuq:

(i) il-kunsinni ta' pjanti, prodotti tal-pjanti, u oġġetti oħra msemmija fl-Artikoli 72(1) u 74(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) u l-kunsinni ta' pjanti, prodotti tal-pjanti, u oġġetti oħra soġġetti għal miżura ta' emerġenza prevista fl-atti adottati f'konformità mal-Artikoli 28(1), 30(1), 40(3), 41(3), 49(1), 53(3) u 54(3) tar-Regolament (UE) 2016/2031.

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/313/UE tas-7 ta' Ġunju 2010 li tawtorizza kontrolli fiżiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 669/2009 li għandhom jitwettqu fi stabbilimenti approvati tal-operaturi tan-negozju tal-għalf u tal-ikel f'Ċipru (ĠU L 140, 8.6.2010, p. 28).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/458/UE tat-18 ta' Awwissu 2010 li tawtorizza l-kontrolli fiżiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 669/2009 li għandhom jitwettqu fi stabbilimenti approvati tal-operaturi tan-negozju tal-għalf u tal-ikel f'Malta (ĠU L 218, 19.8.2010, p. 26).

([7]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

([8]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/103/KE tas-7 ta' Ottubru 2004 dwar il-kontrolli tal-identità u s-saħħa tal-pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra, elenkati f' Parti B tal-Anness V tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE, li jistgħu jiġu esegwiti f'post ieħor li mhuwiex il-punt tad-dħul fil-Komunità jew f'post ieħor fil-qrib u tispeċifika il-kundizzjonijiet li jirrigwardaw dawn il-kontrolli (ĠU L 313, 12.10.2004, p. 16).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4).

(ii) il-kunsinni ta' ikel u għalf li ma joriġinawx mill-annimali soġġetti għall-miżuri previsti mill-atti msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625;

(b) verifiki dokumentarji 'l bogħod minn post ta' kontroll fuq il-fruntiera fuq il-kunsinni ta' pjanti, prodotti tal-pjanti, u oġġetti oħra msemmija fl-Artikoli 72(1) u 74(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031.

2. L-awtoritajiet kompetenti li jinsabu 'l bogħod mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera, inkluż f'punt ta' kontroll li ma jkunx il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera u f'punt tad-dħul fl-Unjoni, għandhom iwettqu l-operazzjonijiet matul u wara l-verifiki dokumentarji, identitarji u fiżiċi f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2019/2130 ([10]).

KAPITOLU I

Verifiki identitarji u verifiki fiżiċi mwettqa f'punti ta' kontroll li ma jkunux il-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri

Artikolu 2

Kundizzjonijiet għat-twettiq tal-verifiki identitarji u l-verifiki fiżiċi f'punt ta' kontroll li ma jkunx il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera

1. Il-verifiki identitarji u fiżiċi jistgħu jitwettqu f'punt ta' kontroll li ma jkunx il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera meta japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-operatur, meta jagħti n-notifika minn qabel f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 56(3) tar-Regolament (UE) 2017/625, jew l-awtorità kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera fid-Dokument Sanitarju Komuni tad-Dħul ("CHED") ikunu indikaw il-punt ta' kontroll fejn iridu jitwettqu l-verifiki identitarji u l-verifiki fiżiċi;

(b) l-eżitu tal-verifiki dokumentarji mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jkun sodisfaċenti;

(c) l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jkunu rreġistraw fis-CHED l-awtorizzazzjoni tagħhom għat-trasferiment tal-kunsinna lejn il-punt ta' kontroll;

(d) qabel ma l-kunsinna titlaq mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera, l-operatur ikun innotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-punt ta' kontroll fejn ikunu jridu jsiru l-verifiki identitarji u fiżiċi, il-ħin mistenni tal-wasla tal-kunsinna u l-mezz tat-trasport billi jimla u jissottometti CHED separat fis-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali ("IMSOC");

(e) l-operatur ikun ittrasporta l-kunsinna mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera sal-punt ta' kontroll taħt superviżjoni doganali mingħajr ma l-oġġetti jinħattu matul it-trasport;

(f) l-operatur ikun żgura li l-kunsinna tkun akkumpanjata sal-punt ta' kontroll b'kopja tas-CHED imsemmi fil-punt (c), f'format fuq karta jew f'format elettroniku;

(g) l-operatur ikun żgura li:

(i) il-kunsinni ta' pjanti, prodotti tal-pjanti, u oġġetti oħra msemmija fl-Artikoli 72(1) u 74(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 u l-kunsinni ta' pjanti, prodotti tal-pjanti, u oġġetti oħra soġġetti għal miżura ta' emerġenza prevista fl-atti adottati f'konformità mal-Artikoli 28(1), 30(1), 40(3), 41(3), 49(1), 53(3) u 54(3) tar-Regolament (UE) 2016/2031 u l-kunsinni ta' ikel u għalf li ma joriġinawx mill-annimali msemmija fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625, ikunu akkumpanjati sal-punt ta' kontroll minn kopja awtentikata taċ-ċertifikati uffiċjali msemmija fl-Artikolu 50(1) tar-Regolament (UE) 2017/625, maħruġa f'konformità mal-Artikolu 50(2) ta' dak ir-Regolament;

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2019/2130 tal-25 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-operazzjonijiet li jridu jitwettqu matul u wara l-verifiki dokumentarji, il-verifiki identitarji u l-verifiki fiżiċi, fuq l-annimali u l-oġġetti soġġetti għall-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri (Ara paġna 128 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(ii) il-kunsinni ta' ikel u għalf li ma joriġinawx mill-annimali soġġetti għall-miżuri previsti mill-atti msemmija fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 ikunu akkumpanjati sal-punt ta' kontroll b'kopja awtentikata tar-riżultati tal-analiżi tal-laboratorju mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz, maħruġa f'konformità mal-Artikolu 50(2) ta' dak ir-Regolament.

(h) l-operatur ikun indika n-numru ta' referenza tas-CHED imsemmi fil-punt (c) fid-dikjarazzjoni doganali mressqa lill-awtoritajiet doganali għall-finijiet tat-trasferiment tal-kunsinna fil-punt ta' kontroll u jkun żamm kopja ta' dak is-CHED għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet doganali kif imsemmi fl-Artikolu 163 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]).

2. Ir-rekwiżit għall-kopja awtentikata msemmija fil-punti (i) u (ii) tal-paragrafu 1(g) li takkumpanja l-kunsinna ma għandux japplika meta ċ-ċertifikati uffiċjali rispettivi jew ir-riżultati tal-analiżi tal-laboratorju jkunu ġew sottomessi fl-IMSOC mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz jew ikunu ttellgħu fl-IMSOC mill-operatur u l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jkunu vverifikaw li jikkorrispondu għaċ-ċertifikati oriġinali jew għar-riżultati tal-analiżi tal-laboratorju.

3. Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tiġġestixxi sistema nazzjonali eżistenti li tirreġistra r-riżultati tal-verifiki dokumentarji, identitarji u dawk fiżiċi, il-punti (d) u (h) tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-kunsinni li jitilqu mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera lejn punt ta' kontroll fi ħdan l-istess Stat Membru, bil-kundizzjoni li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-informazzjoni dwar il-ħin mistenni tal-wasla tal-kunsinna fil-punt ta' kontroll u dwar it-tip ta' mezz tat-trasport tkun disponibbli fis-sistema nazzjonali eżistenti;

(b) is-sistema nazzjonali eżistenti tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) tiżgura l-informazzjoni f'waqtha tal-awtoritajiet doganali u tal-operatur dwar l-awtorizzazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 u tal-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera dwar il-wasla tal-kunsinna fil-punt ta' kontroll,

(ii) tiskambja *data* elettronika mal-IMSOC, inkluż informazzjoni dwar ir-rifjuti tal-kunsinni u informazzjoni li tippermetti identifikazzjoni ċara ta' kull kunsinna, bħal pereżempju permezz ta' numru ta' referenza uniku,

(iii) tiżgura li l-finalizzazzjoni tas-CHED imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1 tista' sseħħ biss wara l-iskambju tad-*data* elettronika u l-konferma mill-IMSOC.

Artikolu 3

Verifiki identitarji u fiżiċi fuq il-kunsinni ta' ikel u għalf li ma joriġinawx mill-annimali mwettqa f'punt ta' kontroll li ma jkunx il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera

1. Il-verifiki identitarji u l-verifiki fiżiċi fuq il-kunsinni ta' ikel u għalf li ma joriġinawx mill-annimali li jkunu soġġetti għall-miżuri previsti mill-atti msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 jistgħu jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti f'punt ta' kontroll li ma jkunux post ta' kontroll fuq il-fruntiera, meta tkun tapplika xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-operatur responsabbli mill-kunsinna jkun talab lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera biex il-verifiki identitarji u l-verifiki fiżiċi jitwettqu fil-punt ta' kontroll, li jkun ġie dežinjat għall-kategorija ta' oġġetti ta' dik il-kunsinna, u l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jawtorizzaw it-trasferiment tal-kunsinna lejn dak il-punt ta' kontroll;

(b) l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jkunu ddeċidew li l-verifiki identitarji u l-verifiki fiżiċi jitwettqu fil-punt ta' kontroll, li jkun ġie dežinjat għall-kategorija ta' oġġetti ta' dik il-kunsinna u l-operatur ma joġġezzjonax għal din id-deċiżjoni.

2. Il-verifiki identitarji u l-verifiki fiżiċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jekk tkun tapplika xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) ma jkun hemm l-ebda awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera kif imsemmi fil-paragrafu 1(a),

([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

(b) l-operatur joġġezzjona għad-deċiżjoni li l-kunsinna tiġi trasferita lejn il-punt ta' kontroll kif imsemmi fil-paragrafu 1(b).

Artikolu 4

Verifiki identitarji u fiżiċi fuq pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra mwettqa f'punt ta' kontroll li ma jkunx il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera

1. Il-verifiki identitarji u l-verifiki fiżiċi jistgħu jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti f'punt ta' kontroll li ma jkunx il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera fuq il-kunsinni ta':

(a) pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra msemmija fl-Artikoli 72(1) u 74(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031,

(b) pjanti, prodotti tal-pjanti, u oġġetti oħra soġġetti għal miżura ta' emerġenza prevista fl-atti adottati skont l-Artikoli 28(1), 30(1), 40(3), 41(3), 49(1), 53(3) u 54(3) tar-Regolament (UE) 2016/2031.

2. Il-verifiki identitarji u l-verifiki fiżiċi msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti f'punt ta' kontroll li ma jkunx il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera meta tkun tapplika xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-operatur responsabbli mill-kunsinna jkun talab lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera biex il-verifiki identitarji u l-verifiki fiżiċi jitwettqu f'punt ta' kontroll, li jkun ġie deżinjat għall-kategorija ta' oġġetti ta' dik il-kunsinna, u l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jawtorizzaw it-trasferiment tal-kunsinna lejn dak il-punt ta' kontroll;

(b) l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jkunu ddeċidew li l-verifiki identitarji u l-verifiki fiżiċi jitwettqu f'punt ta' kontroll, li jkun ġie deżinjat għall-kategorija ta' oġġetti ta' dik il-kunsinna u l-operatur ma joġġezzjonax għal din id-deċiżjoni.

3. Il-verifiki identitarji u l-verifiki fiżiċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jekk tkun tapplika xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) ma jkun hemm l-ebda awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera kif imsemmi fil-paragrafu 2(a),

(b) l-operatur joġġezzjona għad-deċiżjoni li l-kunsinna tiġi trasferita fil-punt ta' kontroll kif imsemmi fil-paragrafu 2 (b).

Artikolu 5

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-verifiki identitarji u l-verifiki fiżiċi tal-kunsinni ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra f'punt ta' kontroll li ma jkunx il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera

1. Il-verifiki identitarji u l-verifiki fiżiċi jistgħu jitwettqu f'punt ta' kontroll għall-kunsinni msemmija fl-Artikolu 4(1) bil-kundizzjoni li l-operatur ikun żgura li l-imballaġġ jew il-mezz tat-trasport tal-kunsinni jkunu magħluqa jew issiġillati b'mod li, matul it-trasferiment tagħhom lejn il-punt ta' kontroll ma jkunux jistgħu jikkawżaw l-infestazzjoni jew l-insfezzjoni ta' pjanti, ta' prodotti tal-pjanti jew ta' oġġetti oħra bil-pesti elenkati bħala pesti tal-kwarantina fl-Unjoni jew bħala pesti regolati li mhumiex ta' kwarantina fl-Unjoni kif imsemmi fl-Artikoli 5(2) u 30(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 u, fil-każ taż-żoni protetti, bil-pesti rispettivi inklużi fil-lista stabbilita skont l-Artikolu 32(3) ta' dak ir-Regolament.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul jistgħu jippermettu li l-imballaġġi jew il-mezzi tat-trasport tal-kunsinni ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra ma jingħalqux jew ma jiġux ssiġillati, meta japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kunsinna tkun tikkonsisti minn injam tal-koniferi mkabbar jew prodott f'żona ġeografika ta' pajjiż terz fejn dak il-pajjiż terz jaqsam fruntiera tal-art mal-Istat Membru li tkun responsabbli minnu l-awtorità kompetenti u fejn ikun hemm informazzjoni li l-injam ikollu l-istess status fitosanitarju f'dak il-pajjiż terz u f'dak l-Istat Membru,

(b) il-kunsinni tal-injam tal-koniferi jiġu trasportati f'punt ta' kontroll li jkun jinsab fl-istess Stat Membru bħall-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul,

(c) il-kunsinni tal-injam tal-koniferi ma jippreżentawx riskju speċifiku ta' tixrid ta' pesti tal-kwarantina fl-Unjoni, jew ta' pesti soġġetti għall-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, waqt it-trasport lejn il-punt ta' kontroll,

(d) qabel ma jħalli t-territorju ta' dak l-Istat Membru, l-awtorità kompetenti tiżgura li dak l-injam jiġi pproċessat b'mod li l-injam ma jirrappreżentax riskju fitosanitarju.

3. L-Istati Membri li jsegwu d-dispożizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 2 għandhom:

(a) jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar iż-żona kkonċernata tal-pajjiż terz u dwar l-istatus fitosanitarju ta' din iż-żona;

(b) kull sena jissottomettu rapport bil-volum u r-riżultati tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-injam tal-koniferi kkonċernat.

Artikolu 6

Operazzjonijiet matul u wara l-verifiki identitarji u fiżiċi f'punt ta' kontroll li ma jkunx il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera

1. Wara li l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jkunu awtorizzaw jew iddeċidew dwar it-trasferiment tal-kunsinna fil-punt ta' kontroll indikat fis-CHED, l-operatur responsabbli mill-kunsinna ma għandux jippreżenta l-kunsinna għall-verifiki identitarji u fiżiċi f'punt ta' kontroll differenti minn dak indikat fis-CHED, sakemm l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera ma jawtorizzawx it-trasferiment tal-kunsinna għal punt ta' kontroll ieħor, f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 3(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 4(2).

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-punt ta' kontroll għandhom jikkonfermaw il-wasla tal-kunsinna lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera billi jimlew is-CHED imsemmi fl-Artikolu 2(1)(a) fl-IMSOC.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-punt ta' kontroll għandhom jiffinalizzaw is-CHED separat imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 2(1) jew meta japplika l-Artikolu 2(3), is-CHED imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 2(1), billi jirreġistraw fih l-eżitu tal-verifiki identitarji u tal-verifiki fiżiċi u kwalunkwe deċiżjoni dwar il-kunsinna meħuda skont l-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) 2017/625.

4. L-operatur għandu jipprovdi n-numru ta' referenza tas-CHED iffinalizzat imsemmi fil-paragrafu 3 fid-dikjarazzjoni doganali li titressaq lill-awtoritajiet doganali għall-kunsinna u għandu jżomm kopja ta' dak is-CHED għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet doganali bħala dokument ta' sostenn kif imsemmi fl-Artikolu 163 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

5. Meta, fi żmien 15-il jum minn dak li fih ġie awtorizzat it-trasferiment ta' kunsinna lejn il-punt ta' kontroll, l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera ma jkunux għadhom irċevew il-konferma tal-wasla tal-kunsinna mill-awtoritajiet kompetenti tal-punt ta' kontroll, dawn għandhom:

(a) jivverifikaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-punt ta' kontroll jekk il-kunsinna tkunx waslet fil-punt ta' kontroll;

(b) meta l-verifika prevista fil-punt (a) turi li l-kunsinna ma tkunx waslet fil-punt ta' kontroll, jinfurmaw lill-awtoritajiet doganali u awtoritajiet oħra msemmija fl-Artikolu 75(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 bil-fatt li ma jkunux irċevew il-konferma tal-wasla tal-kunsinna fid-destinazzjoni;

(c) iwettqu investigazzjoni ulterjuri biex jiddeterminaw fejn jinsabu eżatt l-oġġetti b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali u awtoritajiet oħra kif imsemmi fl-Artikolu 75(1) tar-Regolament (UE) 2017/625.

KAPITOLU II

Verifiki tad-dokumenti mwettqa 'l bogħod minn post ta' kontroll fuq il-fruntiera

Artikolu 7

Verifiki tad-dokumenti fuq il-kunsinni ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra mwettqa 'l bogħod minn post ta' kontroll fuq il-fruntiera

Il-verifiki dokumentarji fuq il-kunsinni ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra kif imsemmi fl-Artikolu 47(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, li jidħlu fl-Unjoni, jistgħu jitwettqu minn waħda minn dawn li ġejjin:

(a) meta il-kunsinni jaslu f'post ta' kontroll fuq il-fruntiera, l-awtoritajiet kompetenti li jkunu jinsabu 'l bogħod mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jew f'punt ta' kontroll li ma jkunx il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera, bil-kundizzjoni li jkunu jinsabu fl-istess Stat Membru bħall-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-wasla tal-kunsinna;

(b) meta l-kunsinni jkunu soġġetti għal kontroll b'inqas frekwenza kif stabbilit fir-regoli msemmijin fil-punt (g) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625 u jaslu f'punt tad-dħul li ma jkunx il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera, l-awtoritajiet kompetenti fil-punt tad-dħul fl-Unjoni.

Artikolu 8

Kundizzjonijiet għat-twettiq ta' verifiki dokumentarji fuq il-kunsinni ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra mwettqa 'l bogħod minn post ta' kontroll fuq il-fruntiera

1. It-twettiq tal-verifiki dokumentarji msemmija fl-Artikolu 7 għandu jkun soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 7 għandhom iwettqu verifiki dokumentarji fuq:

(i) iċ-ċertifikati uffiċjali u r-riżultati tat-testijiet tal-laboratorju mtellgħa fl-IMSOC mill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-wasla tal-kunsinna,

(ii) iċ-ċertifikati uffiċjali u r-riżultati tat-testijiet tal-laboratorju mtellgħa fl-IMSOC mill-operatur meta l-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera jkunu ċċekkjaw li dawn jikkorrispondu maċ-ċertifikati oriġinali jew mar-riżultati tat-testijiet tal-laboratorju,

(iii) iċ-ċertifikati uffiċjali u r-riżultati tat-testijiet tal-laboratorju sottomessi fl-IMSOC mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi, jew

(iv) iċ-ċertifikati uffiċjali oriġinali, meta l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 7 jkunu parti mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera dežinjat kif imsemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1012 ([12]);

(b) il-kunsinna ma għandhiex tiġi trasportata lejn il-punt ta' kontroll għall-verifiki identitarji u fiżiċi mill-operatur mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera sakemm l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 7 ma jkunux infurmaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera bir-riżultati sodisfaċenti tal-verifiki dokumentarji.

2. Meta l-kunsinna ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra tkun trid tiġi trasportata mill-operatur għal punt ta' kontroll biex jitwettqu l-verifiki identitarji u l-verifiki fiżiċi, għandhom japplikaw l-Artikoli 2, 4 u 5.

3. Kunsinna ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra tista' tiġi ttrasportata mill-operatur mill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera sal-punt ta' kontroll biex jitwettqu l-verifiki dokumentarji, bil-kundizzjoni li l-punt ta' kontroll ikun taħt is-superviżjoni tal-istess awtorità kompetenti bħall-post ta' kontroll fuq il-fruntiera.

KAPITOLU III

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 9

Tħassir

1. Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/103/KE hija mħassra b'effett mill-14 ta' Diċembru 2020.

2. Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2010/313/UE u 2010/458/UE huma mħassra b'effett mill-14 ta' Diċembru 2019.

([12]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1012 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidderoga mir-regoli dwar il-ħatra ta' punti ta' kontroll u mir-rekwiżiti minimi għall-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri (ĠU L 165, 21.6.2019, p. 4).

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-14 ta' Diċembru 2019.

L-Artikoli 4(1)(a), 7 u 8 għandhom japplikaw mill-14 ta' Diċembru 2020.

L-Artikolu 2(3) għandu japplika sat-13 ta' Diċembru 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER